

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9783 — EQT/OMERS/DGF/inexio)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 116/10)

1. Fit-2 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- EQT Infrastructure IV (il-Lussemburgu), ikkontrollata minn EQT Fund Management S.à.r.l (il-Lussemburgu, "EFMS"),
- OMERS Infrastructure European Holdings 2 B.V. (in-Netherlands, "OMERS Infrastructure"), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation (il-Kanada, "OMERS"),
- L-entitajiet li jappartjenu għall-grupp Deutsche Glasfaser Group (il-Ġermanja, "DGF"), ikkontrollati minn Goethe Acquisition GmbH (il-Ġermanja),
- inexio Beteiligungs GmbH & Co. KGaA u inexio Beteiligungs Geschäftsführungs GmbH u s-sussidjarji tagħha (il-Ġermanja, "inexio"), it-tnejn ikkontrollati esklużivament minn EQT Infrastructure IV.

EFMS u OMERS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' DGF u Inexio kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- EQT Infrastructure IV: fond tal-investiment li huwa parti mill-grupp EQT ta' fondi ta' ekwità privata li ggħandu attivitajiet ta' investiment fl-infrastruttura u fassi u negozji marbuta mal-infrastruttura primarjament fl-Ewropa u l-Amerka ta' Fuq.
- OMERS Infrastructure: il-pjattaforma Ewropea tal-investiment għal investimenti fl-infrastruttura għal OMERS, li hija responsabbli għall-investiment u l-amministrazzjoni ta' pensjonijiet għal impjegati attivi, differiti u ritirati ta' municiipalitajiet, bordijiet tal-iskejjel, libreriġi, dipartimenti tal-pulizija u aġenziji oħra lokali f'Ontario.
- DGF: il-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet fiss B2C u B2B predominantement għal konsumaturi u n-negozji fil-Ġermanja, predominantement fiż-żoni ta' Rhine-Westphalia ta' Fuq u Sassonja t'Isfel, kif ukoll il-provvista ta' servizzi tal-IPTV.
- inexio: il-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet fiss fil-Ġermanja, servizzi tan-network -fibre optic, teknoloġija tal-cloud u soluzzjonijiet ta' hosting għal klijenti B2B u B2C bil-maġġoranza tal-klijenti fiż-żoni ta' Rhineland Palatinate u Saarland.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtuhom l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9783 – EQT/OMERS/DGF/inexio

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
